

31991L0383

29.7.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 206/19

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****tal-25 ta' Ġunju ta' l-1991****li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' mpjieg b'dewmien fiss jew ta' mpjieg temporanju**

(91/383/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 118a,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

B'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi l-Artikolu 118a tat-Trattat jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta, permezz ta' Direttivi, il-ħtiġijiet minimi li jħeġġu titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, sabiex jiggarantixxu livell aħjar tal-protezzjoni tas-sigurtà u saħħa tal-ħaddiema;

Billi, skond l-imsemmi Artikolu, Direttivi għandhom jevitaw milli jimponu limiti amministrattivi, finanzjarji u legali b'tali mod li jżommu lura l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju;

Billi l-użu ta' forom ta' mpjieg bħal dak ta' dewmien fiss u mpjieg temporanju żdied b'mod konsiderevoli;

Billi riċerki urew li inġenerali, ħaddiema b'relazzjoni ta' mpjieg ta' dewmien fiss jew relazzjoni ta' mpjieg temporanju huma, f'ċerti setturi, iktar esposti għal riskju ta' inċidenti fuq ix-xogħol u mard minħabba x-xogħol minn ħaddiema oħra;

Blli dawn ir-riskji żejda f'ċerti setturi huma konnessi inparti ma' ċerti metodi partikolari ta' integrazzjoni ta' ħaddiema ġodda fl-impriża; fejn dawn ir-riskji jistgħu jitnaqqsu permezz ta' l-għotja xierqa ta' informazzjoni u taħriġ mill-bidu ta' l-impjieg;

Billi d-Direttivi dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 89/39/1/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni tal-miżuri biex iħeġġu titjib fis-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol <sup>(4)</sup>, fihom dispożizzjonijiet maħsuba biex itejbu s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema inġenerali;

Billi s-sitwazzjoni speċifika tal-ħaddiema f'relazzjoni ta' mpjieg ta' dewmien fiss jew ta' mpjieg temporanju u n-natura speċjali tar-riskji li jiltaqgħu magħhom f'ċerti setturi jeħtieġu regoli speċjali addizzjonali, partikolarment rigward l-għotja ta' informazzjoni, il-taħriġ u s-sorveljanza medika tal-ħaddiema kkonċernati;

Billi din id-Direttiva tikkostitwixxi pass prattiku fil-qafas tal-ksib tad-dimensjoni soċjali tas-suq intern,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TAQSIMA 1

**SKOP U GĦAN***L-Artikolu 1***Skop**

Din id-direttiva għandha tapplika għal:

1. relazzjonijiet ta' mpjieg iggvernati minn kuntratt ta' mpjieg ta' dewmien fiss konkluż direttament bejn min iħaddem u l-ħaddiem, fejn t-tmiem tal-kuntratt huwa stabbilit minn kundizzjonijiet oġġettivi bħal: li tintlaħaq data speċifika, il-kompletar ta' dmir speċifiku jew is-sehha ta' avveniment speċifiku;
2. relazzjonijiet ta' mpjieg temporanji bejn impriża ta' mpjieg temporanju li hija min iħaddem u l-ħaddiem, fejn ta' l-aħħar huwa assenjat xogħol għal u taħt il-kontroll ta' mpriża u/jew ta' stabbiliment li jagħmlu użu minn dawn is-servizzi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 224, tat-8.9.1990, p. 4.<sup>(2)</sup> Opinjoni mogħtija fl-20 ta' Novembru 1990 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u ĠU C 158, tas-17.6.1991.<sup>(3)</sup> ĠU C 332, tal-31.12.1990, p. 167<sup>(4)</sup> ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

## L-Artikolu 2

**L-GĦAN**

1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa biex jassigura li ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif imsemmi fl-Artikolu 1 jingħatalhom, f'dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol, l-istess livell ta' protezzjoni bħal dik ta' ħaddiema oħra fl-impriża u/jew l-istabbiliment utenti.

2. L-eżistenza ta' relazzjoni ta' mpjeg kif imsemmi fl-Artikolu 1 m' għandhiex tiġġustifika trattamenti differenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa fuq ix-xogħol, speċjalment rigward l-aċċess għal tagħmir protettiv ta' protezzjoni personali.

3. Direttiva 89/391/KEE u d-Direttivi individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tiegħu għandhom japplikaw bis-sħiħ għall-ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif imsemmi f'Artikolu 1, mingħajr preġudizzju għal iktar rabtiet u/jew iktar dispożizzjonijiet speċifiċi msemmija f'din id-Direttiva.

## IT-TAQSIMA II

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

## L-Artikolu 3

**L-għotja ta' informazzjoni lill-ħaddiema**

Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 10 tad-Direttiva 89/391/KEE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw li:

1. qabel ħaddiem b'relazżjoni ta' l-impjeg kif imsemmi fl-Artikolu 1 jidħol f'din l-attività, huwa jkun infurmat mill-impriża u/jew l-istabbiliment li tagħmel użu mis-servizzi tiegħu bir-riskji li jista' jiltaqa' magħhom;
2. din l-informazzjoni:
  - tkopri, b'mod partikolari, kull kwalifika jew abilità jew kontroll mediku speċjali meħtieġ għax-xogħol, kif definiti fil-leġislazzjoni nazzjonali, u
  - tiddikjara b'mod ċar kull żjieda speċifika ta' riskji, kif definiti fil-leġislazzjoni nazzjonali, li jista' jkollu x-xogħol

## L-Artikolu 4

**Taħriġ tal-ħaddiema**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12 tad-Direttiva 89/391/KEE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 3, kull ħaddiem jirċievi taħriġ suffiċjenti li huwa xieraq sikond il-karatteristiċi tax-xogħol, tenut kont tal-kwalifiki u l-esperjenza.

## L-Artikolu 5

**Użu mis-servizzi tal-ħaddiema u kontroll mediku tal-ħaddiema**

1. L-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jipprojibixxu ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif referuti fl-Artikolu 1 milli jintużaw għal ċerti xogħlijiet kif definiti fil-leġislazzjoni nazzjonali, u partikolarment għal ċerti xogħlijiet li jirrekjedu sorveljanza medika speċjali, kif definiti fil-leġislazzjoni speċifika.

2. Billi l-Istati Membri ma japprofitawx ruħhom mill-għażla referuta f'paragrafu 1, għandhom, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tad-Direttiva 89/391/KEE, jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif iddikjarat fl-Artikolu 1 li huma użati għax-xogħol li jirrekjedi sorveljanza medika speċifika, kif definiti fil-leġislazzjoni nazzjonali, huma pprovduti b'sorveljanza speċjali medika kif xieraq.

3. Għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri biex jipprovdu li s-sorveljanza speċjali medika kif xieraq referuta f'paragrafu 2 tendi iktar mit-tmiem tar-relazzjoni ta' l-impjeg tal-ħaddiem ikkonċernat.

## L-Artikolu 6

**Servizzi ta' Protezzjoni u prevenzjoni**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-ħaddiema, is-servizzi jew il-persuni maħtura, skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 89/391/KEE, biex jagħmlu s-servizzi relatati mal-protezzjoni minn u prevenzjoni minn riskji okkupazzjonali huma infurmati mill-assenjazzjoni tal-ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif imsemmi fl-Artikolu 1, sakemm hu meħtieġ biex il-ħaddiema, is-servizzi jew il-persuni assenjati jkun jistgħu jagħmlu l-attivitajiet tal-protezzjoni u prevenzjoni tagħhom għall-ħaddiema kollha fl-impriża u/jew stabbiliment b'mod xieraq.

## IT-TAQSIMA III

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI**

## L-Artikolu 7

**Relazzjonijiet ta' mpjeg temporanji: informazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li:

1. qabel ma jingħataw ħaddiema b'relazżjoni ta' mpjeg kif referuti fl-Artikolu 1(2), l-impriża u/jew l-istabbiliment utenti jispeċifikaw lill-impriża ta' impjeg temporanju, *inter alia*, il-kwalifiki tax-xogħol meħtieġa u l-fatturi speċifiċi tax-xogħol li għandu jittieħed;

2. l-impriża ta' impjeg temporanju għandha ġġib dawn il-fatti kollha għall-attenzjoni tal-ħaddiema konċernati.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdli li d-dettalji li jridu jingħataw mill-impriża u/jew l-istabbiliment utenti lill-impriża ta' mpjeg temporanju skond il-punt 1 ta' l-ewwel paragrafu għandhom jidhru fil-kuntratt ta' l-assenjazzjoni.

*L-Artikolu 8*

**Relazzjonijiet ta' mpjeg temporanji: responsabbiltà**

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li:

1. mingħajr preġudizzju għal responsabbiltà ta' l-impriża ta' mpjeg temporanju kif imniżżel fil-leġislazzjoni nazzjonali, l-utent ta' l-impriża u/jew l-istabbiliment hija/huma responsabbli, tul l-assenja, għall-kundizzjonijiet li jiggvernaw il-qadi tad-dmirijiet;
2. għall-applikazzjoni ta' punt numru 1, il-kundizzjonijiet li jiggvernaw il-qadi tax-xogħol għandhom jiġu limitati għal dawk li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà, l-iġjene u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

IT-TAQSIMA IV

**DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI**

*L-Artikolu 9*

**Dispożizzjonijiet iktar favorevoli**

Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet eżistenti jew futuri nazzjonali jew tal-Komunità li huma iktar favorevoli għas-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema b'relazzjoni ta' mpjeg kif imsemmija fl-Artikolu 1.

*L-Artikolu 10*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jaqblu ma' din id-Direttiva fil-31 ta' Diċembru 1992 l-iktar tard. Huma għandhom jinfurmaw il-Kummissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jaddottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandu jkollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għall-għamla ta' din ir-referenza għandha titniżżel mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li diġà adottaw jew se jridu jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jirraportaw lill-Kummissjoni kull ħames snin fuq l-implimentazzjoni Prattika ta' din id-Direttiva, filwaqt li jipprovdli l-opinjoni tal-ħaddiema u ta' min iħaddem.

Il-Kummissjoni għandha ġġib ir-rapport għall-attenzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat Konsultattiv dwar is-Sigurtà, l-Iġjene u l-Protezzjoni tas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol.

4. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport regolari dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, kont tenut xieraq tal-paragrafi 1, 2 u 3.

*L-Artikolu 11*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Ġunju 1991

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J.-C. JUNCKER